MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 201/2006

Kawza fil-lista: 57

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fis-7 ta’ Mejju, 2003, hekk kif jidher mill-estratt tal-Att taz-Zwieg, hawn anness u mmarkat bhala Dok. NA 1;

2. Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kontendenti huwa separati de facto minn xulxin;

4. Illi kif ghandu jirrizulta fil-kawza l-intimat dahal ghaz-zwieg mar-rikorrenti ghal ragunijiet estraneji ghal kollox minn dawk li jesigu l-obbligazzjonijiet matrimonjali u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

5. Illi allura fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-intimat kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi di piu' l-kunsens tal-intimat inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

7. Illi aktar minn hekk il-kunsens tar-rikorrenti inkiseb bi vjolenza, sew fizika u sew morali, jew biza' filwaqt illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b' qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

8. Illi ghalhekk huwa manifestament car li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-

Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Mejju 2003 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez u bl-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx illi dahal ghaz-zwieg ghal ragunijiet estraneji ghal kollox minn dawk li jesigu l-obbligazzjonijiet matrimonjali;

2. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx illi l-kunsens tieghu kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjoniijet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-eccipjenti ma jaqbilx illi l-kunsens tieghu inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-eccipjenti jaqbel illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null izda b' tortijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Mejju 2003 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-intimat kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha tieghu, il-konvenuta jattribwixxi t-tort ghan-nullita' taz-zwieg lill-attrici.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li fis-7 ta' Mejju 2003 l-attrici zzewwget lill-konvneut, cittadin Nigerjan. Jumejn wara, cioe' fid-9 ta Mejju, dan qabad u siefer wahdu ghal xahar u nofs u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha. Jirriulta li matul iz-zwieg kienet l-attrici, okkazzjonalment mghejjuna mill-genituri taghha, li kienet taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha, u xi drabi wkoll tati flus lill-konvenut. Dan illum ghadu jgawdi l-freedom of movement f' Malta akkwistat permezz taz-zwieg tieghu ma' l-attrici. Huwa kien jghidilha li qabel ma tipprocedi

gudizzjarjament tistenna li jghaddu hames snin. Jirrizulta wkoll li ta' spiss il-konvenut kien johrog mid-dar konjugali minghajr ma jinforma lil martu fejn kien ser jkun, u din lanqas tkun tista' taqbdu fuq il-mobile tieghu.

Illi mill-provi prodotti f' dan il-kaz, il-Qorti hija sodisfatta, anzi hija konvinta li l-uniku skop li ghalih il-konvenut zzewweg lill-attrici kien sabiex ikun jista' jakkwista soggjorn f' Malta u eventwalment ic-cittadinanza Maltija. Mill-komportament tieghu waqt il-konvivenza matrimonjali, li damet biss sentejn u li minnha ma kienx hemm tfal, jirrizulta car li dana fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu eskluda internament li jghix il-hajja mizzewwga ma' l-attrici. Fi kliem iehor ried biss jinqeda biha ghall-iskop egoistici tieghu.

Illi jinsab ritenut fil-gurispurdenza li s-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*] [*PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*]

In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa' dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Ghalhekk sabiex tirnexxi din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae, ossia l-

unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Fil-kaz in disamina tirrizulta manifesta da parti tal-konvenut l-eskluzjoni b’ att posittiv tal-volonta tieghu, ta’ l-obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku u t-trobbija ta’ l-ulied. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimojali tieghu l-konvenut kellu f’ mohhu biss li jakkwista l-freedom of movement f’ Malta, u xejn aktar.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg tal-partijiet kuntrattat fis-7 ta’ Mejju 2003. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------